*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea BIOPÔLE – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 157 716

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Novembru 2022 fil-Każ R 1097/2022-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali tagħti sentenza li tilqa' t-talbiet tagħha u li tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark kontenzjuża.

**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Frar 2023 – Aesculap vs EUIPO – Aeneas (AESKUCARE Food Intolerance)**

**(Kawża T-64/23)**

(2023/C 112/61)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Aesculap AG (Tuttlingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: N Hebeis, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Aeneas GmbH & Co. KG (Wendelsheim, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea AESKUCARE Food Intolerance – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 918 102

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Novembru 2022 fil-Każ R 21/2022-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-EUIPO tat-30 ta' Novembru 2021 ġiet annullata u l-oppożizzjoni fir-rigward tal-prodotti u servizzi fil-klassijiet 5, 42 u 44 kienet ġiet miċħuda;

— tikkundanna lill-EUIPO tħallas l-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u lill-intervenjenti tħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---